


Sign In / Register
Fittex
TVM AĦBARIJIET SPORT EKONOMIJA TEMP TV RADJU EUROVISION DJARJU 247 PSI RADIO

LOKALI

# Kunsilli Lokali mħeġġa jipproponu proġetti favur il-mobilità urbana

*MTELLA' 28 TA' AWWISSU, 2014 - AĠĠORNATA 28 TA' AWWISSU, 2014 4:57PM*




**RAPPORT:** *NORMA SALIBA*




Bejn is-16 u t-22 ta' Settembru fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea, inkluż Malta, se tkun qed tittella' l-Ġimgħa Ewropea dwar il-Mobilità Urbana. Din is-sena t-tema magħżula hija 'It-Toroq Tagħna l-Għażla Tagħna', li l-għan tagħha huwa li tqanqal kuxjenza maċ-ċittadini li jagħżlu kif għandhom igawdu l-ispazji pubbliċi fil-lokalità tagħhom u li normalment ikunu wżati u riservati għall-vetturi.

Peter Paul Barbara, Kordinatur Nazzjonali tal-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilità Urbana spjega li minbarra s-solitu Jum Ħieles mill-Vetturi, din is-sena l-attivitajiet se jkunu mifruxa fuq ġimgħa sħiħa.

Ewlenin fosthom se tkun il-Maratona Nazzjonali taċ-Ċikliżmu li se ssir f'Jum l-Indipendenza bid-donazzjoni t'€10 għal kull parteċipant se jingħataw għall-'Community Chest Fund'.

Qal li għall-ewwel darba se tkun qed titnieda kompetizzjoni għall-Kunsilli Lokali biex jipproponu Pjan Sostenibbli għall-Mobilità Urbana li permezz tiegħu jiddentifikaw numru ta' miżuri li jistgħu jkunu mplimentati tul perjodu ta' snin.

L-aħjar proposta se tkun qed tingħata €50,000 biex minn proposta fuq il-karta l-idea titwettaq fi proġett.

Is-Sur Barbara ħeġġeġ lill-Kunsilli kif ukoll l-Għaqdiet Mhux Governattivi biex jipproponu inizjattivi li iħarsu u jtejbu l-ambjent, il-kwalità tal-arja, il-bidla fil-

## AĦBARIJIET OĦRA


**"Qatt daqs illum il-kriżi tal-immigrazzjoni ma kienet daqshekk qawwija"**
*23 TA' SETTEMBRU, 2015*


**Tliet uffiċjali minn Identity Malta interrogati mill-Pulizija dwar l-allegat ħruġ ta' viżi abbużivi**
*23 TA' SETTEMBRU, 2015*


**Kyle Balda: Ikun unur kbir li nirrappreżenta lil Malta fl-Oscars bil-Minions**
*23 TA' SETTEMBRU, 2015*


**Ħarsa lejn l-istejjer ewlenin fil-ġurnali tal-lum**
*23 TA' SETTEMBRU, 2015*


**It-temp, il-kultura u l-ospitalità tal-Maltin isaħħru lill-atturi u lid-direttur ta' Immediate Boarding**
*22 TA' SETTEMBRU, 2015*


**Katusi ta' asbestos li servew ta' kenn għal immigranti f'Ħal Far qed jitneħħew**
*22 TA' SETTEMBRU, 2015*

**Pendenti d-**




## NEWS BULLETIN 23/09/2015




L-AKTAR SEGWITI/ LI NQRAW


Il-ġuvnott li qabeż il-baħar u ġie fuq sieħbu li miet akkużat bi qtil involontarju


Qabżet mill-karozza għax rat brimba u ħallitha taħbat waqt li binha kien ġewwa


Raġel b'"bomba" fuq moħħu jirringrazzja lil maġistrat talli bagħtu 18-il xahar ħabs

jipproponu inizjattivi li jħarsu u jtejbu l-ambjent, il-kwalità tal-arja, il-bidla fil-klima, l-użu aħjar tal-ispazji pubbliċi u l-użu u l-promozzjoni ta' mezzi differenti ta' trasport iktar sostenibbli.

Preżenti għħat-tnedija tal-attivitajiet kien hemm il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u l-Bidla fil-Klima Leo Brincat, il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura Joe Mizzi, il-Ministru għal Għawdex Anton Refalo, kif ukoll is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Simplifikazzjoni ta' Proċessi Amministrattivi Michael Falzon u s-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali Stefan Buontempo.

Huma saħqu li l-Gvern huwa impenjat li fi sforz kollettiv ta' diversi Ministeri, Dipartimenti u entitajiet governattivi biex jindirizza l-isfidi ambjentali tal-pajjiż.

Share 0 Tweet 0 G+1 0 Email



**destin tas-sigar fil-pjazza u l-armar tal-monti fit-Tokk**

*22 TA' SETTEMBRU, 2015*

HOME | AGĦMEL KUNTATT MAGĦNA | SKEDA

PRIVACY POLICY | TERMS OF USE

This site uses cookies. Find out more about this site's cookies. ☒